Il-Kummissjoni Ewropea



**Il-Missjoni Bliet newtrali għall-klima u intelliġenti**

# 100 belt newtrali għall-klima sal-2030 - miċ-ċittadini u għalihom

## X'inhuma l-Missjonijiet tal-UE?

Il-Missjonijiet tal-UE, ispirati parzjalment mill-missjoni Apollo 11 li tpoġġi l-bniedem fuq il-qamar, huma impenn biex jissolvew l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, fosthom:

- il-ġlieda kontra l-kanċer;
- l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- l-għajxien fi bliet iktar ekoloġiċi;
- L-iżgurar tas-saħħa tal-ħamrija għal ikel tajjeb għas-saħħa, u għal nies, natura u klima f'saħħithom;
- l-ħarsien tal-oċeani tagħna.

Kull missjoni tal-UE se jkollha skeda ta' żmien u baġit speċifiku skont id-diffikultà tal-isfida. Se jmorru lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni, u se jrawmu l-innovazzjoni fost is-setturi biex iwasslu soluzzjonijiet effettivi. Barra minn hekk, il-missjonijiet se jaqdu rwol kruċjali biex jiksbu l-prijoritajiet tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer.

## Il-parteċipazzjoni tiegħek tiswa

Neħtiġuk biex inwettqu l-missjonijiet tagħna. S'issa l-Bordijiet tal-Missjonijiet, magħmula minn taħlita ta' esperti mill-qasam tal-innovazzjoni, tar-riċerka, tat-tfassil tal-politika, tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet tal-prattikanti, kienu qed jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea jispeċifikaw missjonijiet possibbli. Issa wasal iż-żmien li ninvolvu lill-Ewropej bħalek sabiex niżguraw li l-missjonijiet ikunu rilevanti u tabilħaqq jagħmlu d-differenza. Jekk naħdmu flimkien nistgħu niksbu ħafna iktar.

## Bliet newtrali għall-klima u intelliġenti

Il-bliet ikopru madwar 3% tal-art fid-dinja, iżda jipproduċu iktar minn 70% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha. Fl-Ewropa, huwa stmat li sal-2050 kważi 85% tal-Ewropej se jkunu qed jgħixu f'żoni urbani. Huwa għalhekk li l-emerġenza klimatika attwali jeħtieġ tiġi indirizzata fil-bliet u miċ-ċittadini tagħhom.

Il-Bord tal-Missjonijiet għal bliet newtrali għall-klima u intelliġenti identifika l-missjoni li ġejja: **Ikollna 100 belt newtrali għall-klima sal-2030.**

Il-missjoni dwar il-bliet newtrali għall-klima u intelliġenti, tippromwovi u tipproġetta 100 belt Ewropea fit-trasformazzjoni tagħhom lejn in-newtralità klimatika sal-2030 u tagħmel minn dawn il-bliet ċentri ta' esperimentazzjoni u innovazzjoni għall-bliet kollha.

Kull waħda minn dawn il-100 belt instigaturi, li jaċċettaw il-missjoni li jsiru newtrali għall-klima sal-2030, se jiffirmaw *Kuntratt tal-Belt għall-Klima*, aġġustat skont ir-realtajiet ta' kull belt, u żviluppat permezz ta' proċess ta' kokreazzjoni sabiex l-ilħna fil-livelli kollha jinstemgħu.

## Ir-rwol tal-abitanti tal-bliet

Dawk li jgħixu fil-bliet se jkunu fil-qalba ta' din il-missjoni. Tabilħaqq, huma produtturi, konsumaturi, atturi politiċi jew viżitaturi. Għandhom impatt kbir fuq l-ambjent u l-klima, u jistgħu jmexxu t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Il-Kuntratt tal-Belt għall-Klima se jagħti lin-nies u lis-soċjetà ċivili rwol attiv u jipprovdilhom pjattaformi ġodda biex jaġixxu kif ukoll riżorsi aħjar biex ifasslu u jimplimentaw azzjonijiet għall-klima. Għal dan il-għan, il-bliet jeħtieġ jiżviluppaw approċċi effettivi biex jimmobilizzaw il-komunitajiet u jinfluwenzaw u jinċentivaw il-bidla fl-imġiba.

In-nies jistgħu jsiru aġenti tal-bidla, permezz ta' inizjattivi li jibdew minn isfel għal fuq, innovazzjoni u permezz ta' forom ġodda ta' governanza. L-objettivi tal-missjoni jinkludu t-trawwim ta' tranżizzjoni ġusta li ttejjeb is-saħħa u l-benessri tan-nies, u li ġġib magħha bosta benefiċċji oħra għat-tranżizzjoni, bħal kwalità tal-arja mtejba, il-ħolqien tax-xogħol u stili ta' ħajja iktar sani.

Tul l-2020, il-Bord tal-Missjonijiet għal bliet newtrali għall-klima u intelliġenti taw widen għall-prijoritajiet u t-tħassib tan-nies fil-bliet mal-UE kollha. Dak li semgħu f'dawn l-avvenimenti se jsawwar ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Missjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea (mistennija f'Settembru 2020).

**Għal aktar informazzjoni żur:** https://ec.europa.eu/mission-cities
**Segwi: #EUmissions #HorizonEU #MissionCities**

© L-Unjoni Ewropea, 2020